**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAD-29 TA' APRIL 2021**

**Kawża Numru: 3**

**Rik. Ġur. 1168/2019 RGM**

**Rikors Ġuramentat nru 1168/2019RGM**

**Fl-ismijiet**

**Joseph E. Sullivan f'ismu proprju kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Aquatess Limited**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Wara l-ittra uffiċjali numru 2960/19 tas-6 ta' Awissu 2019**

**fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

**Andrew Sullivan (K.I. numru 866450M) u Joseph E. Sullivan (K.I. numru 765653M) f'isimhom personali kif ukoll bhala gia diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Aquatess Limited (C13358), llum imħassra mir-registru**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Joseph E. Sullivan f'ismu proprju kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Aquatess Limited** ippreżentat fis-6 ta' Diċembru, 2019 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Awwissu 2019 intavolata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, ittra numru 2960/19, il-Kummissarju tat-Taxxi interpella fost ohrajn lill-esponenti f'ismu personali kif ukoll bhala direttur tas-socjeta` Aquatess Limited (C13358) sabiex fi zmien jumejn (2) min-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali, huwa jhallas is-somma ta' miljun, erbgha mija u tmienja u sittin elf u tmenin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,468,080.21) rapprezentanti ammont dovut skont l-Att XXIII tal-1998;

2. Illi f'dik l-istess ittra il-Kummissarju wissa lir-rikorrenti illi l-interpellanza kienet qed issir ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u partikolarment, izda mhux esklussivament, sabiex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Kummissarju tat-Taxxi kontra l-esponenti permezz tal-Avviz li ntbaghat lill-istess esponenti.

3. Illi permezz tal-istess ittra ufficjali, r-rikorrenti gie avzat illi jekk ma jsirx il-hlas tal-ammont surreferit fi zmien lilu moghti huwa kien ser jghaddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu ezekuttiv permezz tal-mandati opportuni;

4. Illi qabel dakinhar ir-rikorrenti ma kien ircieva l-ebda Avviz jew notifika mod iehor li tindika li s-socjeta` Aquatess Limited u hu personalment kienu b'xi mod debituri tal-Kummissarju tat-Taxxi u iktar minn hekk x'kien in-natura ta' dan id-dejn.

5. Illi jigi dikjarat li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi hekk kif dedotta fl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet;

6. Illi fl-ewwel lok l-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jsegwi d-dispozizzjoni tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghaldaqstant ma jista bl-ebda mod jezegwixxi kwalunkwe titolu ezekuttiv fil-konfront tal-esponent. Jigi premess illi l-esponenti ma gie notifikat bl-ebda stima jew nota ta' talba ghall-hlas kif dispost ai termini tal-Artikolu 59(1) u (2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Ghalhekk ukoll l-esponenti lanqas ma ghandhu breakdown sabiex jifhem il-pretenzjoni tal-Kummissarju hijiex ghal taxxa, ghal penalitajiet jew ghal imghaxijiet. Dan il-*breakdown* mhuwiex biss rekwisit mill-artikolu 59(1) tal-Kap 406, izda huwa essenzjali ukoll ghad-dritt ta' smigh xieraq sabiex wiehed ikun jista' jikkontesta l-ammont (u l-likwidazzjoni ta' dak l-ammont) effettivament.

8. Illi la darba l-esponenti ma gie qatt notifikat personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Aquatess Limited bid-dokumenti hawn fuq imsemmija fl-ittra ufficjali tas-6 ta' Awwissu 2019 daqstant tali talba u ezekuzzjoni hija wkoll intempestiva;

9. Illi in oltre u bla pregudizzju ghal premess l-esponenti kien infurmat li sa meta kienet topera s-socjeta` Aquatess Limited (tramite l-accountants taghha) kienet issottomettiet il-formuli tat-taxxa u thalset dak minnha dovut.

10. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent f'ismu personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Aquatess Limited (C13588) jista' biss jintalab jaghmel tajjeb ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna li qieghed jirraprezenta kif dispost ai termini tal-Artikolu 66(5) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux ghal penali amministrattiva jew imghax dovuta mis-socjeta` Aquatess li llum hija stralcjata;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba ghall-hlas tas-somma ta' miljun, erbgha mija u tmienja u sittin elf u tmenin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,468,080.21) kif dedotta mil-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali

hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta matul il-mori ta' dawn il-proceduri;

12. Illi ghaldaqstant kellha ssir l-odjerna kawza

Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, salv dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, joghgobha;

1. Tiddikjara illi l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi kif premessi fl-ittra ufficjali numru 2960/19 ma gietx debitatament notifikata lill-esponenti ai termini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-ittra ufficjali numru 2960/19 ma jilhaqx il-vot ta' l-Artiklu 59 tal-Kap 406 inkwantu r-rikorrenti ma giex notifikat bl-avviz skont il-ligi;

3. Tiddikjara li jezistu l-estremi ghall-opposizzjoni tal-[ittra] ufficjali numru 2960/19 u t-titolu ezekuttiv li allegatament qed jigi rez ezegwibbli permezz ta' l-istess kif fuq inghad u ghal kwalsiasi raguni ohra li tista' tirrizulta fil-mori tar-rikors;

4. Tiddikjara illi kwalunkwe ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv premess mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali 2960/19 huwa ghalhekk wiehed null u minghajr effett;

5. Thassar u tirrevoka, fil-konfront tal-esponenti, l-effetti kollha tal-ittra ufficjali premessa.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi** ppreżentata fit-30 ta' Jannar, 2020 fejn ġie eċċepit is-segwenti:

1. **Illi**, fir-rikors tiegħu r-rikorrent jelenka lista ta' avvenimenti miżgħuda falsitajiet li permezz tagħha qiegħed essenzjalment jittenta jħassar, abbażi ta' allegati nuqqasijiet proċedurali, l-effetti legali tal-ittra uffiċjali numru 2960/19 intavolata fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tagħha, *inter alia*, il-Kummissarju tat-Taxxi interpellahom *ai termini* tal-Artikolu 59 tal-Att XXIII tal-1998 (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika tagħha, iħallsu l-ammont ta' miljun, erba' mija, tmienja u sittin elf u tmenin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€1,468,080.21) rappreżentanti ammont dovut minnhom skont l-istess Att;

2. **Illi**, sabiex jikkontesta l-istampa qarrieqa mogħtija mir-rikorrent, il-Kummissarju tat-Taxxi qiegħed jippreżenta l-kronoloġija vera ta' dak li ġara flimkien mal-Artikoli rispettivi tal-liġi applikabbli (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex b'hekk u flimkien mal-evidenza ppreżentata ma' din ir-risposta u kif sejjer jiġi espost ulterjorment matul il-kawża, jiġi eliminat kull dubju dwar il-korrettezza tal-proċedura segwita li jixtieq inibbet ir-rikorrent;

3. **Illi**, skont l-Artikolu 59(1) ta' Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta:

59(1) *Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzaz-zjoni u Proċedura Ċivili.*

Fil-fatt din id-dispożizzjoni ġiet segwita meta l-Kummissarju tat-Taxxi bagħat żewġ *Demand Notices* (kopji tagħhom hawn annessi u mmarkati **Dok A**), iddatati t-tnejn (2) ta' Frar, elfejn u ħmistax (2015), waħda indirizzata lis-Sur Joseph E. Sullivan (fuq l-indirizz tiegħu *Villa Fortunata, Iklin Road, Iklin*) u oħra indirizzata lis-Sur Andrew E. Sullivan (*Tahoe Place Fl 4, Triq is-Sorijiet, San Ġiljan*) fejn *inter alia* ngħata avviż li juri l-ammont ta' taxxa flimkien mal-penali

amministrattivi u l-interessi dovuti fl-isem personali tar-rikorrent u bħala direttur in rappreżentanza tal-kumpannija Aquatess Ltd (C13358). It-totalità tal-ammont dovut huwa ta' miljun, erba' mija, tmienja u sittin elf u tmenin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€1,468,080.21). L-evidenza tan-notifika ta' dawn l-avviżi, fil-forma tad-dokumentazzjoni uffiċjali tal-MaltaPost, qiegħda tiġi anness hawn u mmarkata **Dok B**.

4. **Illi**, skont l-Artikolu 59(2) ta' Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta:

59(2) *Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.*

Tassew, wara li għaddew iktar mit-tletin jum stabbiliti fl-Artikolu 59(2) suċċitat min-notifika tad-*demand notices*, il-Kummissarju tat-Taxxi pproċeda billi jintavola l-imsemmija ittra uffiċjali numru 2960/19 sabiex jissodisfa r-rekwiżit tat-talba għall-ħlas "*permezz ta' att ġudizzjarju*" hekk kif iddettat mill-Artikolu 59(2) suċċitat. Kopja ta' din l-ittra uffiċjali, li ormaj ukoll ġiet innotifikata lir-rikorrent *pro et noe* permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, ġiet annessa mir-rikorrent bħala **Dok A** mar-rikors tiegħu. Kopja legali tagħha qiegħda tiġi annessa hawn bħala **Dok IU.**

5. **Illi** għalhekk, dak premess hawn fuq diġà jxejjen il-premessi Nri. 4, 5, 6, 7, 8 u 11 inklużi fir-rikors tar-rikorrent;

6. **Illi**, fir-rigward tal-premessa Nru. 9 tar-rikors tar-rikorrent, il-Kummissarju tat-Taxxi jirrileva li minkejja li l-kumpannija Aquatess Ltd tassew issottomettiet il-formuli tat-taxxi, fil-fatt kien sar *audit assessment* li ġie nnotifikat lill-kumpannija fit-tlettax (13) ta' Awwissu, elfejn u erbgħa (2004) (ara l-*covering letter* iddatata l-ħdax (11) ta' Awwissu, elfejn u erbgħa (2004), flimkien man-notifika tagħha, hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. C**).

7. **Illi**, *inoltre*, qiegħed jiġi rrilevat ukoll li fl-2005 il-Kummissarju kien diġà nnotifika lir-rikorrent *pro et noe* b'ittra uffiċjali Nru. 1626/2005 ippreżentata fil-Prim' Awla (kopja legali tagħha annessa hawn flimkien mal-mandati sussegwenti), u saħansitra nħarġu żewġ mandati eżekuttivi kontrih *pro et noe* minn din l-Onorabbli Prim'Awla (il-mandat ta' qbid Nru. 956/2005 u l-mandat ta' sekwestru Nru. 957/2005 li għadhom sal-lum *in vigore*, kopji legali tagħhom hawn annessi u mmarkati bħala **Dok. D** u **Dok. E** rispettivament) għall-ammont ta' tliet mija, ħamsa u sittin elf, tliet mija u tmienja u disgħin Lira Maltija (Lm365,398) (circa €851,148.38) rappreżentanti l-istess perijodi ta' taxxa inklużi fl-ittra uffiċjali Nru 2960/19 mertu ta' din il-kawża. Dan ikompli jikkonferma kemm ir-rikorrent qiegħed iqarraq meta jgħid li "*sa meta kienet għadha topera s-soċjetà Aquatess Limited [...] ħallset dak minnha dovut*" fil-premessa Nru. 9 tar-rikors tiegħu.

8. **Illi**, minkejja li fil-premessa Nru 10 tar-rikors tiegħu r-rikorrent jagħmel referenza għall-Artikolu 66(5) ta' Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jittenta jaħrab mill-morsa tal-penali amministrattivi u l-imgħax dovut minnu bħala rappreżentant tas-soċjetà stralċjata, huwa jonqos milli jikkwota d-dispożizzjoni preċedenti li tinsab fl-istess Artikolu 66 iżda fis-subartikolu (3)(a) tiegħu, liema dispożizzjoni tispeċifika li:

66(3)(a) "[...] *rappreżentant ta' persuna ikun responsabbli* ***bl-istess mod u sa l-istess limitu*** *bħal dik il-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta* ***għall-obbligazzjonijiet kollha*** *imposti b'dan l-Att jew bis-saħħa tiegħu.*" (enfasi miżjuda)

Sabiex jiġi evitat kull ekwivoku, il-liġi tiddefinixxi "rappreżentant" bħala:

66(1) "***<u>Kull</u>*** *segretarju, manager,* ***<u>direttur</u>****, stralċjarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur tal-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta 'xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund, jew enti ieħor* ***<u>għandu jkun rappreżentant</u>****, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna oħra, trust, fund jew enti ieħor,skont il-każ*" (enfasi miżjuda)

Żgur li r-rikorrent, fil-kapaċità tiegħu bħala direttur tal-kumpannija Aquatess Ltd ma jistax jaħrab mill-applikazzjoni tal-Artikoli suċċitati u l-ebda kutrumbajsi ta' loġika li permezz tagħhom jixtieq jaħrab imqar mill-penali amministrattivi u mill-imgħax dovut ma jistgħu jirnexxu mingħajr ma tiġi mminata l-intenzjoni tal-leġiżlatur u mingħajr ma tingħata forma ta' immunità lil kull min jixtieq jinqeda bil-personalità ġuridika tal-kumpannija tiegħu stess mingħajr konsegwenzi.

9. **Illi**, il-premessa Nru. 11 tar-rikors tar-rikorrent, li diġà ġiet skreditata tkompli titlef kull rilevanza tagħha meta wieħed iżomm f'moħħu li kontestazzjonijiet tal-ammont ta' taxxa dovuta jew saħanstira tal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi, għandha ssir quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva kif speċifikat fl-Artikoli 44 u 45 ta' Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk din l-Onorabbli Prim' Awla mhix il-*forum* adegwat għal dan.

10. **Illi**, għaldaqstant, il-Kummissarju tat-Taxxi huwa tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kollha applikabbli skont il-liġi kontrih.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.

Ir-rikorrent u r-rappreżentanti tas-soċjetà Aquatess Limited (C13358) huma inġunti minn issa stess għas-subizzjoni.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi dokumentarji ppreżentati mal-atti rispettivi;

Rat illi l-Qorti ddegretat li ser tiġi trattata u deċiża d-disa' eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi ippreżentata fid-29 t'Ottubru 2020[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentata fit-23 ta' Diċembru 2020[2];

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar id-disa' eċċezzjoni tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi.

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni ta' l-Inkompetenza Rationae Materiae**.

Bid-disa' eċċezzjoni l-Kummissarju tat-Taxxi jisħaq li din il-Qorti m'hix il-forum kompetenti stante li dak li qegħdin jikkontestaw l-atturi huwa l-ammont ta' taxxa dovuta u l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. Il-Kummissarju tat-Taxxi jgħid li hija l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif speċifikat fl-**Artikolu 44 u 45 tal-Kapitolu 406** li jagħti l-kompetenza lill-imsemmi Tribunal sabiex jisma' proċeduri ta' kontestazzjoni t'ammonti u penali amministrattivi.

Sabiex tikkonsidra jekk l-eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi hiex fondata jeħtieġ li teżamina x'qiegħed jingħad fil-11-il premessa fir-Rikors Ġuramentat kif ukoll x'qiegħed jintalab mill-atturi. Il-11-il premessa taqra hekk:

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba ghall-hlas tas-somma ta' miljun, erbgha mija u tmienja u sittin elf u tmenin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,468,080.21) kif dedotta mil-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali hija

[1] Paġna 70 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 77 et seq tal-proċess.

infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta matul il-mori ta' dawn il-proceduri;"

It-talbiet atturi huma s-segwenti:

"1. Tiddikjara illi l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi kif premessi fl-ittra ufficjali numru 2960/19 ma gietx debitatament notifikata lill-esponenti ai termini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-ittra ufficjali numru 2960/19 ma jilhaqx il-vot ta' l-Artiklu 59 tal-Kap 406 inkwantu r-rikorrenti ma giex notifikat bl-avviz skont il-ligi;

3. Tiddikjara li jezistu l-estremi ghall-opposizzjoni tal-ufficjali numru 2960/19 u t-titolu ezekuttiv li allegatament qed jigi rez ezegwibbli permezz ta' l-istess kif fuq inghad u ghal kwalsiasi raguni ohra li tista' tirrizulta fil-mori tar-rikors;

4. Tiddikjara illi kwalunkwe ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv premess mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali 2960/19 huwa ghalhekk wiehed null u minghajr effett;

5. Thassar u tirrevoka, fil-konfront tal-esponenti, l-effetti kollha tal-ittra ufficjali premessa."

Huwa minnu li l-premessa numru ħdax tal-atturi tagħti x'tifhem li hemm il-kontestazzjoni tas-somma reklamata mill-Kummissarju tat-Taxxi però fl-ebda waħda mit-talbiet mhu qiegħed jintalab reviżjoni ta' dak pretiż mill-intimat. Fil-fehma tal-Qorti, it-talbiet attriċi kollha jindirizzaw l-allegat nuqqas ta' notifika tad-dokumenti u stejjem li juru l-ammont ta' taxxa dovuta li jippreċedu l-ittra uffiċċjali u konsegwentement qiegħed jiġi allegat li t-titolu eżekuttiv pretiż mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi bis-saħħa tal-ittra uffiċċjali huwa wieħed null. Fi kliem ieħor l-atturi qegħdin jattakkaw is-siwi ta' titolu eżekuttiv pretiż.

F'dan l-istadju din il-Qorti m'hix sejra tidħol fil-kwistjoni dwar jekk s-soċjetà Aquatess Limited u r-rappreżentanti tagħha ġewx notifikati bl-atti meħtieġa għaliex dak m'huwiex il-mertu ta' din is-sentenza. Din is-sentenza tirrigwarda biss il-vertenza dwar jekk din il-Qorti għandhiex ġurisdizzjoni in materja sabiex tisma' l-kawża odjerna u għalhekk għal kull bon fini jingħad li b'din is-sentenza l-Qorti m'hijiex qiegħda tiddeċiedi l-mertu.

Ikkunsidrat;

**Il-Kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa**.

L-**Artikolu 45 tal-Kapitolu 406** jagħti l-kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex jisma' u jaqta' appelli u referenzi li jsiru skont l-Artikoli 43 u 44. L-**Artikolu 43** tal-Kapitolu 406 jipprovdi li "Kull persuna li tħoss ruħha aggravata bi stima li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal." Oltre kontestazzjonijiet ta' stejjem imsemmija fl-Artikolu 43, l-**Artikolu 44** jiddetta l-materji oħra li fuqhom jistgħu jitressqu appelli quddiem it-Tribunal, ċioe:-

"a) ir-reġistrazzjoni ta' persuna taħt dan l-Att jew it-tħassir ta' dik ir-reġistrazzjoni;
(b) kull taxxa li għandha titħallas fuq provvista jew akkwist ħlief għal taxxa stmata fi stima u kull tnaqqis li jista' jintalab lura kontra dik it-taxxa;
(ċ) jekk operazzjoni li ssir jew kellha ssir minn persuna tkunx provvista taxxabbli jew akkwist taxxabbli jew le jew jekk importazzjoni ta' oġġetti magħmula jew li jkollha tintgħamel minn persuna tkunx importazzjoni taxxabbli jew le;
(d) kull taxxa li għandha titħallas fuq l-importazzjoni ta'oġġetti;
(e) il-lok, il-ħin u l-valur taxxabbli ta' provvista jew akkwist taxxabbli;
(f) l-ammont ta' tnaqqis permess lil persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal xi żmien ta' taxxa;
(g) kull garanzija meħtieġa mill-Kummissarju taħt dan l-Att;
(h) jekk xi ħlas lura ta' taxxa mitlub minn xi persuna jkunx dovut jew għandux jitħallas lil dik il-persuna jew le;

(i) kull punt ta' liġi li m'huwiex inkluż fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu;
(j) kull ħaġa li, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament li jsir bis-saħħa ta' dan l-Att, tista' tinġieb fl-appell;
(k) l-impożizzjoni ta' kull penali amministrattiva, ħlief meta imposta bħala riżultat ta' stima".

**Huwa evidenti minn dawn il-provvedimenti li tilwimiet bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u persuna taxxabbli, li ma jaqgħux fil-parametri tal-Artikoli 43 u 44, ma jaqgħux fil-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.**

Diversi kienu dawk is-sentenzi li ingħataw mit-Tribunal stess u mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) dwar il-limiti ta' kompetenza li għandu l-imsemmi Tribunal.

Fil-kawża **XXX vs. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** (Rik Nru 274/2012 VG) deċiża fl-24 t'April 2017 mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jingħad kif ġej:

"Ma hemmx dubju li una volta li l-Avviz mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tat-*taxpayer* jsir titolu ezekuttiv, il-*quantum* ta' dak l-Avviz difficilment ikun jista jigi kontestat. Lanqas ma hemm dubju li una volta li tinhareg ittra ufficjali ghall-esekuzzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv, il-persuna interpellata ghall-hlas ikollha tidderigi kwalunkwe kontestazzjoni li ghandha fir-rigward ta' dik l-esekuzzjoni quddiem il-Qorti komptetenti u mhux quddiem dan it-Tribunal."[3]

Konsiderazzjoni aktar dettaljata magħmula mit-Tribunal f'dan ir-rigward – liema konsiderazzjoni saret fi kwistjoni identika għal dik odjerna fejn il-Kummissarju kien eċċepixxu n-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal - saret fis-sentenza **M.C.M**

[3] Ara wkoll **XXX vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud** (Rik Nru 102/2012 VG) deċiża fit-8 ta' Novembru 2016 mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

**Aluminium Ltd et vs. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** (Rik Nru 90/2013VG) deċiża fit-8 t'Ottubru 2013 mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva:

"Una volta li bl-ittra ufficjali imsemmija, f'dan il-kaz jigi ribadit l-ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2012, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qed jirrendi esegwibbli titolu ezekuttiv li huwa ghandu fil-konfront tat-*tax payer* u ir-rapprezentant tieghu dan it-Tribunal ma jibqax iktar kompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-tilwimiet li jistghu jirrizultaw bejn it-*tax payer* u r-rapprezentant tieghu interpellati u d-Direttur Generali ghaliex tali kwistjonijiet ma jaqghux entro l-parametri la ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ta' l-Artikolu 44 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta.

Indipendentement minn dawk li jistghu jkunu r-ragunijiet in bazi ghal liema t-*tax payer* u/jew ir-rapprezentant tieghu ikun qed jikkontesta l-pretensjoni u konsegwenti interpellazzjoni ghall-hlas tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u konsegwenti esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, **huwa evidenti li t-talba ghall-hlas li ssir mid-Direttur Generali ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta hija distinta minn stima mahruga mill-istess Direttur Generali ai termini ta' l-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**. B'hekk ladarba tali talba ghall-hlas hija distinta minn stima li minnha jista' jigi intavolat appell ai termini ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jsegwi li l-imsemmi Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax fil-kuntest ta' tali talba ghall-hlas u ghalhekk ma jistax isir appell minnha quddiem dan it-Tribunal.[4]

Il-kontestazzjoni ghall-interprellazzjoni maghmula mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma tista' titqies li taqa' taht wahda jew iktar mic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dwar liema tista' ssir referenza quddiem dan it-Tribunal. **Jigi ribadit li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u senjatament fis-subartikolu**

[4] Enfasi ta' din il-Qorti.

**(2), hija intiza biex titolu ezekuttiv jigi rez esegwibbli u allura kull kontestazzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv u/jew ta' l-esegwibilità ta' l-istess necessarjament trid tigi diretta quddiem il-Qorti taht l-Awtorità ta' liema qed tintalab dik l-esekuzzjoni**. Konferma ulterjuri li l-kontestazzjoni tat-titolu ezekuttiv vantat mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront tat-tax payer u r-rapprezentant tieghu u/jew ta' l-esegwibilità ta' l-istess in bazi ghall-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma taqax taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal tirrizulta minn dak dispost fl-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-Artikolu 58(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.[5]

L-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima* . L-Artikolu 58(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *tista' ssir kawza ghal kull taxxa u ghall-penali amministrattiva taht dan l-Att sabiex dawn jingabru, skont ma jehtieg il-kaz fil-qorti kompetenti ta' kompetenza civili* .

Minn din l-ahhar disposizzjoni jirrizulta ferm car li l-Legislatur ried li kwistjonijiet dwar il-gbir ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti skond l-Att li ma jinvolvux il-kontestazzjoni ta' stima mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) skond l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jew referenza skond l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jaqghu taht il-kompetenza tal-qorti kompetenti ta' kompetenza civili. B'hekk ladarba ai termini tal-Ligi stess hemm Qorti ohra li ghandha s-setgha li tiehu konjizzjoni, u fil-kaz in ezami bil-hrug ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2012 già qed tiehu konjizzjoni, tat-tilwima bejn id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u t-*tax payer* u r-rapprezentant tieghu, japplika dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement t-Tribunal ta' Revizjoni

[5] *ibid.*

Amministrattiva ma jistax jiehu konjizzjoni tal-kwistjoni in kwantu ma taqax fil-kompetenza tieghu."

It-Tribunal kompla jikkonsidra illi

"Il-fatt li fil-kaz in ezami r-Rikorrenti jikkontendu li huma qatt ma gew notifikati bl-Avviz mahrug mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fit-2 ta' Awwissu 2011 u b'hekk jikkontestaw l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv vantat mid-Direttur Generali fil-konfront taghhom, ma jbiddel assolutament xejn mill-kwistjoni. Ladarba d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi li ghandu titolu ezekuttiv u qed jadixxi lill-Qorti kompetenti ta' kompetenza civili, fil-kaz in ezami l-Prim' Awla tal-Qorti Civili, biex jesegwixxi tali titolu fil-konfront tar-Rikorrenti, a tenur ta' dak provdut fl-imsemmi Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik il-Qorti li hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kwistjonijiet relattivi ghal dak it-titolu, inkluzi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ezistenza ta' l-istess titolu."[6]

Minn din is-sentenza sar appell u l-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-sentenza minnha mogħtija fis-27 t'April 2016 ikkonfermat is-sentenza tal-prim' istanza wara li rriteniet li:-

"Materja dwar jekk jezistix jew le titolu ezekuttiv ma tidhirx li taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal. Din il-kwistjoni m'ghandha x'taqsam xejn ma' appell kontra stima (Artikolu 43)."

Dan huwa konformi ma' dak li ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Ian Pace et vs. Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** (Ċit Nru 78/2011 MCH) mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2013 fejn ġie deċiż li proċeduri fuq stejjem ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Prim'Awla:

[6] Ara wkoll **Aluminium Extrusions Ltd et vs. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** (Rik Nru 86/2013) deċiża Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fit-8 t'Ottubru 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-27 t'April 2016; **Alu-Finish et vs. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) (Rik Nru 85/2013)** deċiża Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fit-8 t'Ottubru 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-27 t'April 2016**; Anthony Mario Vella vs. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** (Rik Nru 98/2013) deċiża Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fit-8 t'Ottubru 2013.

"Jibda biex jinghad illi kull talba maghmula mir-rikorrenti sabiex din il-Qorti tiddikjara li r-returns tal-VAT maghmula mis-socjeta rikorrenti kienu korretti u kwindi tiddikjara li l-ammont pretiz mill-intimat mhux dovut mhux kompitu ta' din il-Qorti u lanqas ghandha gurisdizzjoni tikkonsidrahom ghax hemm il-proceduri appoziti skond il-Kapitolu 406 biex dan isir fis-sede u bil-proceduri opportuni."

In-natura ta' kawża hija ċirkoskritta primarjament mit-talbiet attriċi u mhux mill-eċċezzjonijiet sollevati għal dawk it-talbiet attriċi. Kif ġie deċiz fis-sentenza **Gaetano Farrugia et vs. Philip Magri et** (App Ċiv 579/2002 PS) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fil-11 ta' Frar 2004: *"Biex tigi ffissata l-indoli tal-azzjoi li tigi azzjoni ezercitata wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak li sostanzjalment ikun gie mitlub fic- citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. Fi kliem iehor r-raguni guridika u l-'fundamentu agendi' tal-azzjoni hu dak li hu 'attulament domandato' bhala oggett tac-citazzjoni."*

Li permezz tal-azzjoni odjerna ma hux qed jigi kkontestat il-quantum reklamat mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi iżda l-validita' tat-titolu eżekuttiv minnu vantat huwa ribadit mir-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. Jingħad hekk f'dik in-nota:

"Illi fit-tielet lok erronjament il-Kummissarju intimat jibbaza l-argument tieghu fuq il-fatt li skontu ir-rikorrenti jikkontesta l-quantum. Izda jekk din l-Onorabbli Qorti thares lejn il-premessi promossi fir-rikors promotur tinnota illi l-kontestazzjoni hija fir-rigward tal-validita tal-ezekuzzjoni tal-ammonti................Minn dak hawn fuq sottomess jidher bic-car illi l-premessi bl-ebda mod ma jolqtu l-quantum izda jinpingu direttament fuq l-ezegwibilita' tat-titolu."

Ġaladarba fil-kawża odjerna t-talbiet attriċi jirrigwardjaw biss l-eżegwibilita o meno tat-titolu vantat mill-intimat Kummissarju, hija din il-Qorti, kif spjegat

aktar ‘l fuq, li għandha l-kompetenza li tiddeċiedi l-mertu tal-kawża odjerna u mhux it-Tribunal.

Għaldaqstant tiddikjara illi għandha l-kompetenza rationae materia li titratta u tiddeċiedi kawżi li jikkontestaw il-validita’ ta’ titolu eżekuttiv vantat mill-Kummissarju tat-Taxxi. Konsegwentement id-disa’ eċċezzjoni sollevata mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi ma hiex fondata u qed tiġi respinta.

**Decide**

1. Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi d-disa’ eċċezzjoni sollevata mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi billi tiċħadha.

2. Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

3. Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
29 ta’ April 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**